*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn:*

*Genovese Doreen*

*Vs*

*Is-Supretendent Zammit Clapp Hospital dwar tkeccija allegata li hija ngusta*

*Kaz Nru 2543*

*Illum : 9 ta' Frar, 2011*

*Decizjoni Nru : 2056*

*Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D*

**Introduzzjoni**

Illi r-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal jiddeciedi li it-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma l-intimat ma kinetx ghal raguni valida oltre qatt ma tat ir-rizenja taghha.

Da parti tieghi, il-principal spjega li kien gie erroneament indikat fl-avviz tat-terminazzjoni tar-rikorrenti li hija bhala rizenja meta korrettament kellu jigi indikat 'raguni ta' sahha'. Effettivament, l-impjieg taghha gie terminat minhabba l-kondizzjoni medika taghha.

**Fatti**

L-impjieg tar-rikorrent mal-principal kien wiehed daqsxejn movimentat. Bdiet bhala "nursing aide". Kienet soggetta ghal attakki ta' eplipesija. Kienet tiehu hafna 'sick leave'. L-attakki kienu rikorrenti. Ma kinetx infurmat b' din il-kondizzjoni 'ab initio' tal-ingagg. Biex setghet tkompli tahdem inbidilha x-xoghol minhabba s-sigurta' tal-pazjenti u giet assenjata fil- 'laundry room'.

Bdew jinqalghu diverbi u giet moghtija xi warnings. Bdiet tillamenta fuq l-uzu tad-detergenti minhabba li kienet issofri minn attakki ta' asthma. It-tabib taghha kuranti kkonferma l-istat mediku taghha. Giet mghoddija board mediku li kkonferma li fl-istat li kienet ma setghetx taqdi d-doveri taghha fil- 'laundry room'. Alternattiva ohra ta' impjieg ma kellux, u allura l-principal itterminalha l-impjieg.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi ma hux kontestat l-istat mediku tar-rikorrenti. Sia t-tabib kuranti taghha u sia l-Bord mediku ikkonfermaw l-inkapacita' taghha ghax-xoghol li kellha. Hija stess ippruvat li kellha storja medika regolari li kienet tinnecessita' attenzjoni konstanti u rikoveru mediku regolari. Ghalkemm gja kienet tbati minn kondizzjoniji esasperanti ta' sottomissjoni ghal attakki epilepsija hija dahlet tahdem mal-principal odjerna bhala 'nursing aide. Ma nfurmatux b' din il-kondizzjoni perikoluza. Di fatti gie sottomess li kieku infurmathom biha, hija ma kinetx tigi impjegata. Dan jaghmel sens illi fl-ambitu tad-doveri taghha, kien ikollha f' idejha ghal kura u attenzjoni pazjenti ta' eta' avvanzata. Wiehed jimmagina l-paniku li kien jinqala' li kieku kien jaghtiha attakk waqt li qed tattendi xi pazjenta anzjana.

Illi meta giet trasferita fil- laundry bdiet tillamenta u bdew jinqalghu diverbji fuq l-uzu ta' detergenti u disinfettanti. Dawn kienu prodotti essenzjali ghal uzu u igjenje tal-hwejjeg tal-pazjenti. L-istat asmatiku taghha gie konfermat mill-Bord mediku appuntat ghal dan il-ghan. Ma giex kontestat ghax ir-rikorrenti ovvjament taqbel mieghu.

Illi wara li spiccat ir-rikorrenti baqghet taghmel ix-xoghol is-supervisor taghha sakemm spiccat din hekk u x-xoghol gie 'outsourced'. Ma ddahhal hadd flokha.

Inoltre l-principal ma kellhu ebda post iehor disponibbli ghar-rikorrenti, sia minhabba l-istat mediku taghha u sia minhabba in-nuqqas ta' kwalifiki taghha. F' sitwazzjoni prekarja, il-principal ma kien baqaghlu l-ebda triq ohra hlief li jittermalha l-impjieg. Pero' ir-raguni moghtija ghal din it-terminazzjoni kienet erronea billi kellha tigi indikata bhala 'health reasons' u mhux 'resigned'.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Illi it-Tribunal jiddeciedi li it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret ghal raguni gusta. Jordna wkoll li ghandu jigi sottomess certifikat gdid ta' termimnazzjoni ta' impjieg lil ETC fejn jigi ndikat r-raguni ta' 'health reasons' ghall-istess terminazzjoni. B' hekk din l-kwistjoni giet finalizzata.

Bhala drittijiet, qed jigu rikonoxxuti hamsa u tmenin Euro (€85)

**ft/Dr Joseph P Bonnici**

**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju